**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 15 ta` Settembru 2015**

**Kawza Nru. 7**
**Rik. Nru. 799/09 JZM**

**Fl-atti tal-ittra ufficcjali pprezentata fis-7 ta` Lulju 2009 minn Paul Falzon ID 422060M kontra Charlotte Ciantar ID 234578M**

**Rikors ta` l-istess Charlotte Ciantar kontra l-istess Paul Falzon, ai termini tal-Artikolu 253E tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fit-13 ta` Awwissu 2009 li jaqra hekk :–

*Illi r-rikorrenti giet notifikata b`ittra ufficcjali pprezentata kontriha fis-7*

*ta` Lulju 2009 minn Paul Falzon ID422060M, b`kambjala annessa maghha markata Dokument TL, fejn permezz ta` din l-ittra ufficcjali l-imsemmi Paul Falzon irid jirrendi esegwibbli din il-kambjala u ghalhekk talab lir-rikorrenti sabiex thallsu s-somma ta` tmienja u hamsin elf mitejn u erbgha u tletin Euro u erbgha u tletin centezmu ta` Euro (€58,234.34), rapprezentanti skont hu l-import tal-istess kambjala.*

*Illi r-rikorrenti ghandha, ai termini tal-proviso tal-artikolu 253E tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, raguni gravi u valida biex topponi l-esekuzzjoni u l-hlas ta` din il-kambjala kif mitluba mill-imsemmi Paul Falzon.*

*Illi mill-istess kambjala Dokument TL, jirrizulta b`mod car illi "Din il-Voucher trid tissarraf fi Credit Note Concrete". Dan jirrispekkja precizament il-ftehim tal-partijiet meta giet iffirmata u emessa l-kambjala, u cioe` li r-rikorrenti kellha tghaddi credit note lil Paul Falzon ghall-akkwist ta` concrete fil-valur ta` €58,234.34c, u mhux flus. Ma jistax ghalhekk issa Paul Falzon jitlob li jithallas fi flus meta r-rikorrenti ntrabtet u Paul Falzon accetta li jithallas b`concrete, u lanqas jista` jrendi esegwibbli allegat titolu ta` hlas ta` flus fis-somma ta` €58,234.34c meta hu kjarament m`ghandux dan it-titolu.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-ezekuzzjoni ta` din il-kambjala Dokument TL skont kif mitlub fl-ittra ufficcjali fuq riferita tas-7 ta` Lulju 2009, u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.*

Rat ir-risposta prezentata fid-9 ta` Settembru 2009 li taqra hekk –

*Illi fl-ewwel lok il-lanjanza sollevata mill-intimata ma tinkwadrax fid-dispost tal-ligi bhala raguni valida u gravi sabiex l-esekuzzjoni tal-kambjala tigi opposta;*

*Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt illi l-kontendenti ffirmaw kambjala nonostante dak li seta` jkun hemm miktub, gie kostentement ritenut illi "A bill of exchange is an unconditional order in writing, addressed by one person to another, signed by the person giving it, requiring the person to whom it is addressed to pay on demand or at a fixed or determinable future time a sum certain in money to or to the order of a specified person or to bearer". Ghalhekk hija l-kambjala li tiehu precedenza la l-partijiet ghazlu li jirregolaw in-negozju ta` bejniethom b`dik il-forma ta` strument kummercjali.*

Semghet ix-xiehda tal-partijiet.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-11 ta` Novembru 2014 fejn halliet il-kawza ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Sintesi tal-provi

**Ir-rikorrenti** xehdet illi hija tahdem fl-industrija tal-bini. L-intimat kien jaghtiha l-materjal, u hi kienet troddu bl-interessi. Il-materjal kien jigi minghand Polidano Brothers Limited. Il-materjal kien ikun jew konkos inkella hadid. L-intimat kien jaghtiha credit note ta` Polidano Brothers Limited, u hija kienet imbaghad taghtih lura credit note ohra normalment ta` Polidano Brothers Limited ukoll. Hija ghaddiet lill-intimat credit note ta` €30,000 gol-kont tieghu izda dan ma ghamilx uzu minnha. Tghid illi fil-mori ta` dan il-procediment hija riedet tbiegh propjeta` ; ghalhekk sar ftehim fejn kontra credit note ta` €38,000 tigi rilaxxjata il-propjeta` halli tkun tista` tinbiegh. Il-ftehim pero` baqa` ma twettaqx.

Fil-**kontroezami**, ir-rikorrenti xehdet illi hija gieli ghaddiet flus lill-intimat, fejn il-ftehim ta` bejniethom kien ikun li l-hlas isir bil-flus. Fil-kaz tal-kambjala mertu ta` dan il-procediment, il-hlas dejjem sar bi credit note. Tikkonferma li kien hemm cekkijiet li ma ssarrfux, izda l-intimat kien imur imbaghad l-ufficcju taghha, u hija kienet thallsu l-import tac-cheque li jkun bi flus kontanti. Qalet ukoll li kien hemm kazi fejn l-import tac-cheque kien jithallas fi tliet pagamenti ta` flus kontanti. Dawn ic-cheques kienu jinkludu hlas ghall-provvista ta` materjal. Ghar-rigward tal-lum, ir-rikorrenti tinsisti li ghandha thallas lill-intimat bil-materjal.

**L-intimat** xehed illi huwa jissupplixxi z-zrar lill-produtturi tar-ready mix. Jithallas in kwantu ghal nofs bi flus in kwantu ghan-nofs l-iehor b`konkos. Il-konkos imbaghad ighaddieh lil haddiehor. Fost dawn kien hemm ir-rikorrenti. Kienet thallsu in kwantu ghal nofs bi flus u nin kwantu ghan-nofs l-iehor billi tassenjalu proprjeta' mmobbli. Ighid illi meta cheques taghha ma kienux issarrfu, saret kambjala minflok, mhux thallas bi flus kontanti. Mhuwiex minnu

li r-rikorrenti kienet taghtih il-flus tac-cekkijiet, u mbaghad taghtih kambjala ta` izjed konkos peress li kieku gara hekk l-ammont kien ikun ferm ikbar. Huwa ma kienx jaqbillu u lanqas kien jaghmel sens illi jaghti l-konkos, biex jerga` jithallas bil-konkos. Skond l-intimat, il-fatt huwa li kien ghamel konvenji ma` nies fuq proprjetajiet li kellu jithallas bihom minghand ir-rikorrenti, u spicca kellu johrog €15,000 sabiex flat seta` jinbiegh. Ghalhekk ir-rikorrenti ffirmat kambjala ghal dak l-ammont. Qabel saret il-kambjala mertu ta` dan il-procediment, diversi kienu l-kambjali li saru. Dik in kwistjoni kienet kambjala ta` tpartit ta` konkos ma` konkos. Saret il-kambjala ghaliex kien hemm cheques konmtra taghha li ma ssarrfux. Wara domanda tal-Qorti, l-intimat xehed illi l-kambjala in kwistjoni kellha tithallas fi flus, mhux bi credit note. Huwa nsista li kull kambjala li saret dejjem kellha tithallas fi flus izda imbaghad huwa gieli accetta li jithallas bi tpartit biex b` hekk almenu jkun gabar xi haga.

Fil-**kontroezami**, l-intimat ikkonferma li huwa kien jaf illi fil-kont tieghu kienet dahlet credit note ta' €30,000. Huwa dejjem insista li ried flus minkejja li tnizzel fil-kambjala in kwistjoni.

## III. Konsiderazzjonijiet

**L-Art 253 tal-Kap 12** jaghti elenku tat-titoli esekuttivi. Fost it-titoli esekuttivi hemm dak indikat fil-paragrafu (e) tad-disposizzjoni li jaqra hekk :

*(e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodici tal-Kummerc :*

*B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista`, b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc.*

Meta tkun tentata l-procedura bhal din tal-lum skond il-proviso tal-Art 253(e) tal-Kap 12, l-unika ezami li trid taghmel il-Qorti huwa biss dak ta` *prima facie* u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet u ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta` procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja. (ara : "**Camilleri vs Gove et**"

deciza minn din il-Qorti fl-10 ta` Mejju, 2001 ; u "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**" deciza minn din il-Qorti fil-5 ta` Gunju, 2003). Qorti tista` tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta` kambjala jew *promissory note* bhala titolu ezekuttiv, jekk issib illi *prima facie* hemm raġunijiet gravi u validi biex issir oppozizzjoni ghall-ezekuzzjoni.

Fil-provvediment li din il-Qorti fil-5 ta` Frar 2008 "**Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi**", inghad hekk dwar l-Art 253(e) tal-Kap 12 :–

*"Illi minn qari akkurat ta` l-imsemmi sezzjoni jidher car li hemm zewg bazi ghaliex l-ezekuzjoni tal-kambjala tista` tigi sospiza u cioe` li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju taghha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi ghall-oppozizzjoni ta` l-ezekuzzjoni. F`dan il-kaz il-persuna li tezigi l-hlas tkun trid tipprocedi b`kawza skond id-disposizzjoni tal-Kodici tal-Kummerc. Il-Ligi ma tispecifikax x`inhuma r-ragunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b`xi nuqqas tal-legislatur izda intenzjonatament ghax il-legislatur ried ihalli fid-deskrezzjoni tal-Qorti f`liema kazijiet ikollha quddiemha l-Qorti ghandha tilqa` t-talba jew le. Certament li r-raguni valida m`ghandhiex tkun wahda frivola ghax kif tghid l-istess ligi hlief fil-kaz tal-firma r-raguni trid tkun gravi u valida u dan jaghmilha cara li persuna ma tistax kapriccozament topponi tali ezekuzzjoni".*

[ara wkoll : "**Henry Depasquale vs Publishers Enterprises Group (PEG Ltd**" deciza minn din il-Qorti fis-16 ta` Dicembru, 2008 ; u l-provvediment ta` din il-Qorti tat-13 ta` Frar 2015 dwar Rikors Nru 1115/2014 wara l-Ittra Ufficjali Nru 3600/14 tat-12 ta` Novembru 2014 fl-ismijiet : "**Dino Fino (223679M) vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C33174)**"].

Meta qorti tkun rinfaccjata b`talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta` kambjala skond l-Art 253(e) tal-Kap 12, hija ghandha tipprocedi b`kawtela, ghaliex bhala regola generali, kambjali ghandhom jithallsu. Fis-sentenza taghha tal-4 ta` Frar 1907 fil-kawza "**Francesco Zammit noe vs Paolo Scicluna noe**" il-Qorti tal-Kummerc qalet hekk – *"secondo la pratica di questi tribunali il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezzioni siano tali da richiedere lunga idagine sotto quella cautela che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno".* Dan il-pronunzjament jirrifletti dak li jghid l-**Art 198(2) tal-Kap 13**, u cioe` illi jekk ikun hemm eccezzjonijiet kontra l-hlas tal-import ta` kambjali, u dawk l-eccezzjonijiet *ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smigh taghhom isir f'kawza ghaliha, u, sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m`ghandhiex tkun imdewma.*

**Fil-kaz tal-lum, il-kwistjoni mhijiex l-esistenza jew il-validita` tal-kambjala de qua izda l-modalita` tal-hlas taghha. Ir-rikorrenti qeghda ssostni li hemm raguni gravi u valida biex titlob is-sospensjoni ta` l-**

**ezekuzzjoni tal-kambjala billi fl-ittra ufficjali tas-7 ta` Lulju 2009 l-intimat esiega l-hlas tal-kambjala mhux b`konkos (kif tghid il-kambjala) izda bi flus.**

Skond l-**Art 123 tal-Kap 13**, ir-rekwiziti ta` kambjala huma li :-

*" … ghandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta' dak li għandu jħallas, u l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni tieghu għandu jsir il-ħlas, iz-zmien u l-lok tal-hlas, u **l-valur moghti fi flus, f`merkanzija, f`kont, jew f`kull mod iehor**, u għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha."* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) fil-kawza "**Dr. Guglielmo Rapinett vs Alfonso Terreni**" li kienet deciza fis-26 ta` Jannar 1874 fejn fir-rigward tal-Art 123 tal-Kap 13 inghad hekk :-

*"Attesocche sebbene secondo la disposizione dell`articolo 106* (illum 123) *dell`Ordinanza No XIII del 1857, la cambiale deve esprimere il valore somministrato in moneta, in merci, in conto, od in qualunque altra maniera ; e sebbene le parole "valuta ricevuta" non esprimono la specie della valuta ricevuta, non di meno la cambiale non diviene nulla e senza effetto obbligatorio, quando risulta a soddisfazione della Corte che le valute siano state somministrate."*

Minn esami tal-kambjala in kwistjoni, jidher evidenti li l-hlas kellu jsir bi *credit note* ta` *concrete*. Daqstant iehor jirrizulta car mid-dicitura tal-Art 123 tal-Kap 13 li seta` jinghad dak il-valur. Inoltre fl-ebda waqt tal-gbir tal-provi, ma kien kontestat dak li nkiteb fil-kambjala. L-intimat lanqas ma allega li kien hemm xi skorrettezza jew li zdied xi kliem fil-kambjala bil-mohbi tieghu.

Ghal din il-Qorti, l-argument li gab l-intimat illi ma kienx jaghmel sens ghalih li jaghti konkrit biex imbaghad jerga` jithallas b`konkrit iehor bl-ebda mod ma jhassar jew igib fix-xejn dak li nkiteb fil-kambjala. Inoltre r-rikorrenti fissret illi l-intimat kien jithallas l-imghax, fis-sens li kien jiehu vantagg min-negozju li kien isir bejniethom. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghala ghandha twarrab dak li xehdet ir-rikorrenti. Del resto bil-mod kif l-intimat kien imexxi n-negozju tieghu mar-rikorrenti huwa altru milli ovvju li l-ghan finali tieghu kien li jaghmel il-qligh. Ghal din il-Qorti, huwa ppruvat illi l-intimat accetta l-valur u l-hlas skond ma nkiteb fil-kambjala de qua. Il-kitba ma taghti l-ebda lok ghal ekwivoci.

**Dan accertat, din il-Qorti tirrileva illi ladarba fl-ittra ufficjali li biha l-intimat ittenta jikseb l-ezekuzzjoni tal-kambjala, huwa talab il-**

**hlas ta` somma flus <u>mhux</u> tal-import f`concrete ta` dik is-somma flus, kif jirrizulta mill-istess kambjala, allura t-talba tar-rikorrenti sejra tkun milqugha, b`dan illi jibqa` mpregudikat il-jedd tal-intimat li jikseb titolu ezekuttiv tal-kambjala dment li jitlob li l-hlas dovut isir <u>mhux</u> b`somma flus izda bl-ekwivalenti f`concrete.**

## <u>Provvediment</u>

**Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qegħda tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta.**

**L-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**